# AWTORITA' TAD-DJAR

---

## RAPPORT

## TA' KULL SENA

(1 ta' Ottubru 1983 – 30 ta' Settembru 1984)

IL-ĦAMES RAPPORT

# A W T O R I T A' T A D - D J A R

Rapport ta' kull sena

(Ottubru 1983 - Settembru 1984)

RAPPORT Numru 5

## WERREJ TAL-ISKEDI


- Skeda I (pagna 3) - FRIEGHET L-AWTORITA' TAD-DJAR
- Skeda II (pagna 7) - TALBIET GHAX-XIRI MILL-INKWILINI TA' DJAR U APPARTAMENTI TAL-GVERN
- Skeda III (pagna 8) - KEMM INKWILINI REGGGHU LURA T-TALBA TAX-XIRI LI KIENU GHAMLU
- Skeda IV (pagna 10) - XIRI TA' POSTIJIET TAL-GVERN MILL-INKWILINI
- Skeda V (pagna 11) - TRASFERIMENT TA' PROPJETA' MINGHAND IL-GVERN GHAL GHAND L-AWTORITA' TAD-DJAR
- Skeda VI (pagna 13) - ALLOKAZZJONIJIET TA' POSTIJIET UZATI TAL-GVERN
- Skeda VII (pagna 14) - KEMM U KIF APPLIKAW IN-NIES GHALL-BCEJJEC TA' ART MAHRUGA FIS-SITT HARGA TAHT L-ISKEMA TAL-'HOME OWNERSHIP'
- Skeda VIII (pagna 16) - NUMRI TA' KONVENJI U KUNTRATTI FUQ BCEJJEC TA' ART MAHRUGA TAHT L-ISKEMA TAL-'HOME OWNERSHIP'
- Skeda IX (pagna 19) - ZJARAT MILL-UFFICCJALI TAT-TAQSIMA TEKNIKA

AWTORITA' TAD-DJAR

RAPPORT GHAS-SENA 1983-1984

1. <u>Dahla</u>

Dan huwa l-hames Rapport li thejja mill-Awtorita' tad-Djar mill-11 t'Ottubru 1976 sal-lum. Bhall-ohrajn ta' qablu, dan ir-Rapport huwa mahsub sabiex jaghti lill-poplu Malti kollu rendikont ta' hidmet l-Awtorita' matul dawn l-ahhar tnax il-xahar fl-oqsma ewlenin ta' bejgh ta' djar u ghoti ta' bcejjec ta' art ghal bini bi prezzijiet li jintlahqu minn kulhadd.

2. <u>Ghanijiet</u>

Il-hsieb wara t-twaqqif tal-Awtorita' tad-Djar kien it-tnissil ta' istituzzjoni li jkollha poteri moghtija direttament mill-Parlament permezz tal-Ministru responsabbli ghad-Djar sabiex

(a) taghti pariri ghat-tfassil ta' skemi ta' ghajnuna mhallta ghal kull min jixtieq li jkollu dar fejn joqghod skond il-mezzi finanzjarji tal-familja tieghu,

(b) tghin fit-twettieq tal-politika tal-Gvern fil-qasam tad-Djar,

(c) tibni u tbiegh kif ukoll talloka postijiet godda ghall-gharajjes u ghall-mizzewgin bi prezzijiet sussidjati,

(d) tghin sabiex isehhu il-progetti tal-Gvern dwar l-uzu ghal skopijiet ta' abitazzjoni li jsir minn proprjeta' mibnija li waqghet f'idejh minghand is-Servizzi,

(e) thaddem skemi tal-Gvern sabiex inkwilini li joqghodu f'postijiet tal-Gvern ikunu jistghu jixtruhom bi prezzijiet sussidjati,

(f) tqassam bcejjec ta' art b'cens moderat hafna lill-gharajjes u mizzewgin ghall-bini ta' djar.

3. <u>Amministrazzjoni</u>

It-tmexxija tal-Awtorita' hija fdata f'idejn Bord ta' tlieta minn nies li jinhatru minn sena ghal sena mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghad-Djar.

L-istess persuni li mexxew l-Awtorita' tad-Djar sa mit-twaqqif taghha, jigifieri:

| | | |
|---|---|---|
| Sur Leone Fenech | - | Chairman |
| Sur Lewis Glanville | - | Membru |
| Sur Raphael Mamo | - | Membru |

regghu hadu hsieb il-hidma taghha kollha ghas-sena li qeghdin naraw issa flimkien. Is-Sur G.V. Bilocca kien is-Segretarju tal-Bord matul dawn it-tnax il-xahar.

Fuq Skeda I f'pagna 3 ta' dan ir-Rapport wiehed jista' jara t-taqsim tal-frieghi ewlenin tal-Awtorita' tad-Djar, u kemm hemm ufficjali li qeghdin jahdmu mal-Awtorita'.

Ta' min wiehed isemmi li sabiex tghin halli l-Ghawdxin jinqdew fl-inqas zmien possibbli fil-bzonnijiet taghhom mill-Awtorita' tad-Djar, ufficjal stazzjonat Ghawdex gie fdat, fost affarijiet ohra, bil-gbir ta' flus ta' cnus minghand Ghawdxin li gew moghtija bcejjec ta' art taht l-Iskema tal-'Home Ownership'.

... / 3

SKEDA I

FRIEGHET L-AWTORITA'

TAD-DJAR



4. Attivitajiet

Mill-1 t'Ottubru 1983 sal-lum, il-Bord tal-Awtorita' tad-Djar ltaqa 74 darba.

Il-Bord ltaqa wkoll kemm-il darba mal-Ministru responsabbli ghad-Djar sabiex minghandu jittiehdu pariri u direttivi siewja li jghinu fit-twettieq ta' hidmet l-Awtorita'.

Saru diversi laqghat ohra ta' htiega u importanza ma' ufficcjali tal-Ministeru tax-Xogholijiet u ma' dawk tal-Bank Centrali u tal-Korporazzjoni Lohombus.

L-Awtorita' tad-Djar temmen bis-shih li f'servizz socjali bhal dan, jehtieg l-ghajnuna ta' kulhadd, u ghalhekk l-Awtorita' hadmet spalla ma' spalla matul din is-sena ma' Dipartimenti ohra tal-Gvern u Korpi Parastatali li wkoll huma ftit jew wisq imdahhlin fil-qasam tad-djar.

5. Bejgh ta' djar u appartamenti

A. Postijiet tal-Gvern li tbattlu

Matul dawn it-tnax il-xahar, l-Awtorita' tad-Djar bieghet 10 postijiet tal-Gvern li tbattlu u li jew hargu ghal bejgh b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, jew riedu jinbieghu bil-fors skond il-'Policy' minhabba li kienu involuti fi bdil bejn inkwilini. Id-dhul mill-bejgh ta' dawn il-postijiet lahaq Lm 46,824.

B. Maisonettes f'Marsaskala

Kif imhabbar fir-Rapport ta' qabel dan, l-Awtorita' tad-Djar harget Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Ottubru 1983 (Nru 14,190) fejn stiednet lill-pubbliku jitfa' offerti ghax-xiri ta' sitt maisonettes f'Marsaskala.

Dawn il-'maisonettes' fihom xoghol ta' bini u lavur li lahaq livell gholi hafna, u kien ghalhekk li l-prezz li bih riedu jinbieghu kien jidher gholi meta mqabbel ma' prezzijiet ohra ta' xiri ta' bini iehor tal-Gvern. Madankollu, l-Awtorita' tad-Djar ma rabtitx lix-xerrejja ta' dawn il-'maisonettes' bil-kundizzjonijiet tas-soltu, bhal, pereżempju, rabta li l-post mibjugh ma jistax jergà jinbiegh qabel hames snin, u l-hrug ta' Ordni ta' Rekwiżizzjoni fuq ir-residenza ta' min ikun se jixtri. B'hekk seta jitwettaq appalt gust u ta' sodisfazzjon max-xerrejja tal-'maisonettes'.

Minn dawn is-sitt 'maisonettes' s'issa nbieghu 3 ghall-prezz globali ta' Lm 33,013.

C. Propjeta' li kienet tas-Servizzi

L-Awtorita' tad-Djar tat il-kontribut siewi taghha anki f'dan il-qasam wara li l-Gvern hejja l-linji generali dwar kif seta jsir l-ahjar uzu minn propjeta' mibnija li waqghet f'idejh wara t-tluq tas-Servizzi Inglizi minn Malta. Kien ghalbiex jintlahaq dan il-ghan li l-Awtorita', fis-snin imghoddija bieghet bi prezzijiet li jlahhaq maghhom kulhadd xi appartamentif'Hal Luqa u fl-Imtarfa lil applikanti gharajjes u mizzewgin. Din il-hidma tkompliet anki matul din l-ahhar sena, fejn hadet ukoll xejra aktar importanti. Fuq hsieb tal-Prim Ministru u b'konsultazzjoni mal-Ministru tax-Xogholijiet u Djar, inbeda l-progett ambizzjuż ta' tibdil strutturali tal-Kwartieri li kienu jintużaw mis-suldati Inglizi gewwa l-Imtarfa, li illum issejjhet Belt il-Gmiel.

L-Awtorita' tad-Djar, fl-ahhar gimgha ta' Settembru 1983, harget ghal bejgh 24 appartament imqassmin fuq erba' blokki, kif ukoll 19-il villa go Belt il-Gmiel. Minn dawn it-43 post, inbieghu s'issa 31, u d-dhul globali kien ta' Lm 161,262.

Tmien blokki ohra ta' 86 'maisonette' f'Belt il-Gmiel gew imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern dan l-ahhar, u b'hekk il-poplu qieghed isib aktar u aktar postijiet li jkun jista jixtri bi prezz moderat.

D. Skema ta' xiri mill-inkwilini ta' post tal-Gvern

Kif thabbar kemm-il darba, kull min joqghod f'post tal-Gvern u jixtieq jixtrih, jista' jitlob lill-Awtorita' tad-Djar tibda tmexxi l-kaz tieghu sakemm twasslu ghall-bejgh ahhari.

Talbiet ta' din ix-xorta tista' tghid jaslu ghand l-Awtorita' ta' spiss. Jekk wiehed ihares lejn Skeda II f'pagna 7, wiehed jista' jiehu ideja tan-numru ta' talbiet li jintbaghtu l-Awtorita' tad-Djar kull sena.

Mhux it-talbiet kollha isda, jitwasslu ghall-bejgh ahhari. Uhud mill-inkwilini jibdlu l-hsieb li jkollhom ta' sikwit, u ghalhekk fi Skeda III f'pagna 8 wiehed ghandu jara stampa, mqassma fuq l-ibliet u irhula Maltin u fuq Ghawdex, li tixhed kemm kien in-numru s'issa, f'kull wiehed minn dawn il-postijiet, ta' nies li regghu lura t-talba taghhom sabiex jixtru l-post tal-Gvern li joqghodu fih.

Sadanittant, mill-1 t'Ottubru 1983 sal-lum, l-Awtorita' tad-Djar bieghet 71 post tal-Gvern lill-inkwilini taht din l-Iskema ta' bejgh, u dahhlet is-somma ta' Lm 253,911 minnhom.

Sabiex taqta' x-xewqa ta' uhud mill-inkwilini li jinzertaw joqghodu f'postijiet li l-art ta' tahthom ghadha ma gietx ghal kollox f'idejn il-Gvern, u li xtaqu jixtru r-residenza xorta wahda, l-Awtorita' tad-Djar fasslet skema fejn il-bejgh isir permezz ta' konvenju sakemm ikun jista' jsir il-kuntratt meta l-art tigi ghal kollox f'idejn il-Gvern. L-Awtorita', f'kull bejgh ta' din ix-xorta, qieghda taghti l-garanziji u l-beneficcji li toffri s-soltu lil min jitressaq ghall-kuntratt, kif isir ma' min jiehu bicca art taht l-Iskema tal-'Home Ownership'.

6. Harsa 'l quddiem fix-xiri mill-inkwilini

Djar u appartamenti tal-Gvern li ghad jistghu jinbieghu lill-inkwilini fadal hafna. Wiehed jista' jaghti harsa lejn

Skeda II



TALBIET GĦAX-XIRI MILL-INKWILINI TA' DJAR U APPARTAMENTI TAL-GVERN




TALBIET GĦAX-XIRI GĦAS-SENA 1983-84 MAQSUMIN XAHAR XAHAR



SKEDA III

KEMM INKWILINI REGGGHU LURA T-TALBA TAX-XIRI LI KIENU GHAMLU




Statistika migbura
fit-30 ta' Settembru 1984

Skeda IV f'pagna 10 ssabiex jara taghrif dettaljat dwar x'inbiegh s'issa lill-inkwilini fid-diversi bliet u rhula f'Malta u f'Ghawdex.

Ilha tinhass il-htiega li ghandu jkun hemm gabra tal-postijiet kollha tal-Gvern b'taghrif siewi tad-daqs, pozizzjoni u taqsim taghhom. Biex jintlahaq dan il-ghan, u fl-istess hin jitwassal ghand il-poplu kollu taghrif iehor bhalma hu l-prezz ta' kull dar jew appartament kieku kellu jinxtara minghand l-Awtorita' tad-Djar u l-kundizzjonijiet u beneficcji marbuta ma' dan il-bejgh, il-Ministru responsabbli ghad-Djar ta l-parir li ghandu jithejja ktejjeb li jimla dan il-vojt.

Inbeda x-xoghol minnufih, u l-ktejjeb bl-isem ta' IXTRI DAREK ma jdumx ma jkun lest.

7. Trasferiment ta' propjeta' mill-Gvern

Kull kuntratt ta' bejgh ta' post tal-Gvern jew ghoti b'cens ta' art ikun jista jsir biss wara li l-propjeta' tigi mghoddija minn idejn il-Gvern ghal ghand l-Awtorita' tad-Djar permezz ta' Ordni Presidenzjali li tixxandar fil-Gazzetta tal-Gvern.

Skeda V f'pagna 11 turi kemm il-post u kemm il-metru kwadru ta' art gie hekk trasferit minghand il-Gvern tul dawn l-ahhar tmien snin.

8. Ghoti ta' appartamenti tal-Gvern b'kiri

A. Tqassim ta' postijiet uzati tal-Gvern

L-iskema mhabbra fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Awissu 1983 permezz ta' Avviz Numru 54 bdiet tithaddem, kif imwieghed, fis-sena li ghaddiet.

Din l-Iskema hija miftuha ghal mizzewgin biss li jitqiesu ghal allokazzjoni ta' fond uzat tal-Gvern taht il-'Policy'

SKEDA IV

XIRI TA' POSTIJIET
TAL-GVERN MILL-
INKWILINI




Statistika migbura
fit-30 ta' Settembru 1984

SKEDA V

# TRASFERIMENT TA' PROPJETA MINGHAND IL-GVERN GHAL GHAND L-AWTORITA' TAD-DJAR

METRI KWADRI TA' ART




POSTIJIET




Statistika migbura fit-
30 ta' Settembru 1984

jinhabbru fil-ktejjeb li hareg ghal dan il-ghan flimkien mal-Avviz imsemmi.

Taghrif dwar kemm l-allokazzjoni bhal dawn saret matul it-tnax il-xahar li ghaddew jinkiseb minn Skeda VI f'pagna 13.

B. Postijiet godda tal-Gvern

42 appartament gdid tal-Gvern inghataw bejn Ottubru 1983 u Settembru 1984, lil familji milquta minn progetti tal-Gvern, minhabba l-bini ta' port f'Marsaxlokk, it-twessiegh ta' toroq fil-Gharghur, u thejjija ta' toroq godda f'Hal Safi.

9. L-Iskema tal-'Home Ownership'

Matul dawn it-tnax il-xahar li ghaddew, l-Awtorita' tad-Djar hadmet bis-shih anki fil-qasam ta' ghoti ta' bcejjec ta' art b'cens taht dik maghrufa bhala l-Iskema tal-'Home Ownership'.

A. Harga ta' bcejjec ta' art godda (Is-Sitt Harga)

Fid-29 ta' Gunju u fl-20 ta' Lulju 1984, l-Awtorita' tad-Djar xandret fil-Gazzetta tal-Gvern taghrif dwar 659 bicca art imxerrdin f'hafna postijiet f'Malta u Ghawdex li gew offruti lill-pubbliku b'cens sussidjat li jvarja minn Lm 13 fis-sena sa Lm 42 fis-sena. Din kienet is-Sitt Harga ta' plots li ghamlet l-Awtorita' tad-Djar taht l-Iskema tal-'Home Ownership' mill-1976 'l hawn.

Fi Skeda VII f'pagna 14, hemm mifruxa dettalji tal-applikazzjonijiet kollha li l-Awtorita' tad-Djar irceviet bi twegiba ghal dawn l-Avvizi imxandra.

Fi zmien tliet gimghat wara l-gheluq tal-applikazzjonijiet, inzammet polza pubblika fejn ittellghu l-ismijiet tal-applikanti ixxurtjati ghall-bcejjec ta' art taht din il-Harga. Lejn nofs Settembru 1984 inbdew jigu iffirmati l-konvenji fl-ufficcji tal-Awtorita' tad-Djar tal-artijiet li tqassmu.

... / 13

# SKEDA VI

## ALLOKAZZJONI TA' POSTIJIET UZATI TAL-GVERN FIS-SENA 1983/1984




**Distrett D**

Birkirkara
Balzan
Lija
Attard
Mosta
Naxxar
Gharghur
Burmarrad
San Pawl il-Bahar
Mellieha
Mgarr

**Distrett A**

Il-Belt
Furjana
Gwardamangia
Msida
Ta' Xbiex
Gzira
Sliema
San Gwann
Ta' Giorni
San Giljan
Sant' Andru

**Distrett C**

Marsa
Rahal Gdid
Fgura
Tarxien
Santa Lucia
Bormla
Birgu
Isla
Kalkara

**Distrett F**

Ghawdex

**Distrett B**

Hamrun
Santa Venera
Qormi
Zebbug
Siggiewi
Rabat
Dingli
Mdina
Mtarfa

**Distrett E**

Birzebbugia
Ghaxaq
Gudja
Mqabba
Kirkop
Safi
Zurrieq
Qrendi
Zejtun
Zabbar
Wied il-Ghajn
Marsaxlokk
Luqa

[illegible]DA VII

[illegible] APPLIKAW IN-HIES
[illegible] TIJIET DAHRUGA FIS-
[illegible] L-[illegible]HA TAL-'HOME OWNERSHIP'

| ta' | Humm ta' beejjec ta' art | Gharajjes | Mizzewgin | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| (Misrah Kola) | 2 | 30 | 18 | 48 |
| (St Catherine) | 1 | 23 | 11 | 34 |
| IA I | 6 | NIL | 4 | 4 |
| IA II | 62 | 48 | 24 | 72 |
| BA (Vecc) | 91 | 30 | 13 | 43 |
| BUA (St Helen Bas.) | 10 | 3 | 7 | 10 |
| I | 1 | 11 | 4 | 15 |
| DE LYS | 1 | 22 | 30 | 52 |
| HUR II | 1 | 3 | 1 | 4 |
| (Tal-Hillieri) | 14 | 35 | 8 | 43 |
| (Near School) | 1 | 1 | 5 | 6 |
| (Xlejli) | 15 | 17 | 12 | 29 |
| ? II | 65 | 22 | 5 | 27 |
| IN | 2 | 21 | 10 | 31 |
| ATA | 9 | 3 | 2 | 5 |
| (13th December) | 1 | 7 | 15 | 22 |
| LA (Taz-Zonqor) | 2 | 22 | 9 | 31 |
| KK (Kavallerizza) | 39 | 29 | 12 | 41 |
| HA (Ta' Penellu) | 6 | 4 | 2 | 6 |
| HA (Ta' Bragg) | 33 | 13 | 4 | 17 |
| | 7 | 11 | 6 | 17 |
| II | 1 | 10 | 9 | 19 |
| (Sta. Margerita) | 13 | 63 | 17 | 80 |
| A (By Pass) | 25 | 17 | 9 | 26 |
| R (Saghjtar) | 1 | 9 | 3 | 12 |
| (Tal-Blat II) | 1 | 8 | 3 | 11 |
| (Ta' Farzina) | 1 | 26 | 20 | 46 |
| I (Housing Estate) | 3 | 2 | 2 | 4 |
| I (Qasam tal-Warda) | 41 | 12 | 7 | 19 |
| SAFI | 13 | 4 | 1 | 5 |
| LUCIA (Phase IV) | 3 | 38 | 24 | 62 |
| IEWI (Ta' Kircippu) | 2 | 35 | 8 | 43 |
| GIORNI | 2 | 27 | 27 | 54 |
| AR (Bulebel iz-Zghir) | 2 | 20 | 8 | 28 |
| AR (Tal-Plier) | 7 | 48 | 14 | 62 |
| IEQ (Tal-Dobbux I) | 2 | 8 | 1 | 9 |
| IEQ (Tal-Dobbux II) | 4 | 32 | 13 | 45 |
| WSIELEM | 10 | 7 | 5 | 12 |
| RI | 5 | 1 | - | 1 |
| EM | 8 | 2 | 1 | 3 |
| AR | 63 | 6 | 5 | 11 |
| R | 4 | 5 | 7 | 12 |
| AT | 10 | 2 | 2 | 4 |
| LAWRENZ | 15 | 2 | 1 | 3 |
| RA (Church Street) | 9 | 7 | - | 7 |
| IJA (Ta' Gok) | 45 | 25 | 15 | 40 |
| OTAL | 659 | | | 111[illegible] |

SKEDA VII

KEMM U KIF APPLIKAW IN-NIES
GHALL-ARTIJIET MAHRUGA FIS-
SITT HARGA TAHT L-ISKEMA TAL-'HOME OWNERSHIP'

| Lokalita' | Numru ta' bcejjec ta' art | Applikanti |
|---|---|---|
| ATTARD (Misrah Kola) | 2 | 48 |
| ATTARD (St Catherine) | 1 | 34 |
| B'BUGIA I | 6 | 4 |
| B'BUGIA II | 62 | 72 |
| BUGIBBA (Vecc) | 91 | 43 |
| COSPICUA (St Helen Bas.) | 10 | 10 |
| DINGLI | 1 | 15 |
| FLEUR DE LYS | 1 | 52 |
| GHARGHUR II | 1 | 4 |
| GHAXAQ (Tal-Hillieri) | 14 | 43 |
| GUDJA (Near School) | 1 | 6 |
| GUDJA (Xlejli) | 15 | 29 |
| KIRKOP II | 65 | 27 |
| L-IKLIN | 2 | 31 |
| MANIKATA | 9 | 5 |
| MARSA (13th December) | 1 | 22 |
| M'SCALA (Taz-Zonqor) | 2 | 31 |
| M'XLOKK (Kavallerizza) | 39 | 41 |
| MELLIEHA (Ta' Penellu) | 6 | 6 |
| MELLIEHA (Ta' Bragg) | 33 | 17 |
| MGARR | 7 | 17 |
| MOSTA II | 1 | 19 |
| MOSTA (Sta. Margerita) | 13 | 80 |
| MQABBA (By Pass) | 25 | 26 |
| NAXXAR (Saghjtar) | 1 | 12 |
| QORMI (Tal-Blat II) | 1 | 11 |
| QORMI (Ta' Farzina) | 1 | 46 |
| QRENDI (Housing Estate) | 3 | 4 |
| QRENDI (Qasam tal-Warda) | 41 | 19 |
| SAFI | 13 | 5 |
| SANTA LUCIA (Phase IV) | 3 | 62 |
| SIGGIEWI (Ta' Kircippu) | 2 | 43 |
| TA' GIORNI | 2 | 54 |
| ZABBAR (Bulebel iz-Zghir) | 2 | 28 |
| ZABBAR (Tal-Plier) | 7 | 62 |
| ZURRIEQ (Tal-Bebbux I) | 2 | 9 |
| ZURRIEQ (Tal-Bebbux II) | 4 | 45 |
| GHAJNSIELEM | 10 | 12 |
| GHASRI | 5 | 1 |
| KERCEM | 8 | 3 |
| MUNXAR | 63 | 11 |
| NADUR | 4 | 12 |
| SANNAT | 10 | 4 |
| SAN LAWRENZ | 15 | 3 |
| XAGHRA (Church Street) | 9 | 7 |
| XEWKIJA (Ta' Gok) | 45 | 40 |
| T O T A L | 659 | 1175 |



■ = 25 koppja gharajjes    □ = 25 familja mizzewga

Kull min xtaq li jissellef sabiex itella' l-art li tinghatalu taht is-Sitt Harga qieghed jinghata c-cans li jiehu dawn il-flus mehtiega mill-Lohombus Corporation Limited. Dan is-self isir dejjem b'rata kummercjali ta' imghax u taht skema miftiehma mal-Awtorita' tad-Djar fejn il-hlas lura tal-kapital u l-imghaxijiet jinfirxu fuq tul ta' zmien sabiex jigi meghjun aktar l-individwu.

B. Kuntratti u konvenji fuq artijiet mahruga fis-snin ta' qabel

Dan ix-xoghol kompla b'ritmu qawwi minn kull fergha fl-Awtorita' tad-Djar. Skeda VIII f'pagna 16 turi l-qaghda f'dan il-qasam fl-ahhar ta' Settembru 1984.

C. Skema ta' Self Addizzjonali

Sabiex tilqa' x-xewqat u t-talbiet li sarulha minn hafna nies li hadu bcejjec ta' art taht l-Iskema tal-'Home Ownership' sabiex jigu meghjuna b'aktar flus b'self mill-Lohombus Corporation fil-bini li kienu qed jaghmlu, l-Awtorita' tad-Djar fasslet skema ta' ghajnuna bhal din mal-Korporazzjoni, imsejjha Skema ta' Self Addizzjonali. Gie deciz li jistghu jibbenifikaw minn din l-Iskema gdida dawn in-nies:

(i) Dawk li ghall-bidu ma htiegux self ta' flus sabiex jibdew u jlestu x-xogholijiet fuq l-art li ghandhom, izda wara li ghadda z-zmien dawwru l-hsieb taghhom.

(ii) ohrajn li, wara li issellfu dak kollu li ghandhom dritt ghalih taht il-'Policy' imhaddma mill-Awtorita' tad-Djar, ghandhom bzonn izjed flus sabiex ikomplu bix-xogholijiet.

L-Iskema ta' Self Addizzjonali issawwret madwar xi kundizzjonijiet li jigu applikati f'kull kaz, kif se jinghad hawn taht:

(a) Is-Self jinghata b'rata kummercjali ta' imghax.

[illegible] VIII

KONVENJI U KUNTRATTI

IFFIRMATI GHAL BEJJEC

TA' ART MAHRUGA TAHT

L-ISKEMA TAL-HOME OWNERSHIP

| | Konvenji | Kuntratti |
|---|---|---|
| L-EWWEL HARGA (1977) | - | 118 |
| IT-TIENI HARGA (1979) | 169 | 567 |
| IT-TIELET HARGA (1981 - Jannar) | 333 | 498 |
| IR-RABA HARGA (1981 - Novembru) | 511 | 436 |
| IL-HAMES HARGA (1982) | 975 | 333 |
| IS-SITT HARGA (1984) | 109 | - |

Qaghda fit-30 ta' Settembru, 1984

SKEDA VIII

KONVENJI U KUNTRATTI
IFFIRMATI GHAL BCEJJEC
TA' ART MAHRUGA TAHT
L-ISKEMA TAL-HOME OWNERSHIP




Qaghda fit-30 ta' Settembru 1984

(b) Is-somma misluta tkun daqs nofs is-self originali li kellu dritt ghalih l-applikant jew Lm 3,000, liema somma tkun l-oghla minn dawn it-tnejn.

(c) Sabiex titqies mill-Korporazzjoni, kull talba ghal self taht din l-Iskema trid issir wara li jkunu ghaddew mill-inqas sentejn minn meta jkun sar is-self originali.

D. Bcejjec ta' art li jintelqu minn min ikun hadhom

Anki f'dan il-qasam, l-Awtorita' tad-Djar tat sehemha b'mod li meta bicca art tintelaq minn min ikun hadha ghal raguni gustifikata l-individwu jigi meghjun jigbor il-flus li jkun nefaq fuqha minghand haddiehor li juri interess li jkompliha hu.

Dan ix-xoghol isir billi, qabel xejn, min ikun se jitlaq l-art jasal fi ftehim bil-miktub mal-ufficcjali teknici tal-Awtorita' tad-Djar dwar il-valur tal-benefikati li jkunu saru fuq l-art. Malli jkun hemm dan il-qbil, isir avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li fih jigu mistiedna applikazzjonijiet ghax-xiri bil-prezz miftiehem tal-bicca art u l-bini ta' fuqha. Jigu ippreferuti applikanti li jkunu applikaw qabel taht l-istess Harga ta' bcejjec ta' art taht l-Iskema tal-'Home Ownership' fejn kienet dehret qabel dik il-bicca art li tkun se tigi trasferita, basta dawn l-applikanti ma kienx irnexxielhom li jiehdu b'cens jew jixtru xi bicca art ohra minn dak in-nhar 'l hawn.

F'din l-ahhar sena, l-Awtorita' tad-Djar harget 9 avvizi bhal dawn imsemmija, fejn daqstant bcejjec ta' art ghaddew minghand bniedem ghal ghand iehor.

Kien hemm ukoll xi whud li, wara li thassret l-gherusija, jew l-gharus jew l-gharusa xtaqu jzommu l-art f'isimhom xorta wahda. Dawn ukoll gew moqdija, izda qabel gew mitluba jiffirmaw dokument ufficcjali quddiem Nutar pubbliku li fih stqarrija li l-parti li se ticcahhad minn sehemha fuq il-bicca art qed taghmel dan wara li thallset il-flus kollha li harget fuq dik l-art, u bi qbil li iccedi d-drittijiet kollha li kellha fuq

l-art bla ebda kumpens favur l-parti l-ohra li wriet interess li izzomm il-plot.

Sabiex taghti dan is-servizz lil min jitlobulha, l-Awtorita' tad-Djar tesigi li min ikun se jitlaq l-art jaghti lura l-flejjes li tkun hargitlu l-Awtorita' tad-Djar bhala sussidju fuq l-imghaxijiet tas-self li ikun ha.

10. Xoghol mit-Taqsima Teknika

It-Taqsima Teknika tal-Awtorita' tad-Djar taghmel xoghol ta' thejjija ta' pjanti ta' artijiet u ta' bini tal-Gvern, kif ukoll stharrig f'diversi oqsma ta' hidma tal-Awtorita'.

Matul is-sena, l-ufficcjali ta' din it-Taqsima jzuru hafna postijiet u jaghtu rapporti dwar dak kolli li jiltaqghu mieghu fl-ispezzjonijiet li jaghmlu.

Hidmet din it-Taqsima tista' titqies ahjar mit-taghrif tan-numru ta' zjarat li saru, kif muri fi Skeda IX f'pagna 19.

11. Taghrif finanzjarju

Kull attivita' li titwettaq mill-Awtorita' tad-Djar titlob l-infieq ta' flus, kif ukoll l-ippjanar minn qabel ta' mnejn jigu l-fondi mehtiega.

L-Awtorita', bejn Ottubru 1983 u Settembru 1984, nefqet Lm 523,993 sabiex tlesti ix-xoghol tal-bini kollu ta' appartamenti tal-Gvern li kienu tqassmu, u sabiex jinbeda il-progett ta' bdil tal-postijiet uzati mis-Servizzi Inglizi f'Belt il-Gmiel ghal terrani u mezzanini ghall-Maltin, li s'issa lahhqu 86.

Tul dawn l-istess tnax il-xahar, l-infieq amministrattiv lahaq is-somma ta' Lm 99,177, u ntefqet ukoll is-somma ta' Lm 161,346 bhala sussidji li thallsu lill-Korporazzjoni Lohombus fuq ir-rati ta' imghax imhallsa mill-hafna Maltin u Ghawdxin li jew xtraw dar jew appartament minghand l-Awtorita' tad-Djar jew hadu art b'cens taht l-Iskema tal-'Home Ownership' u issellfu

SKEDA IX

ZJARAT MILL-UFFICCJALI

TAT-TAQSIMA TEKNIKA

BEJN OTTUBRU 1983 u SETTEMBRU 1984



l-flus mill-Korporazzjoni ghal dan il-ghan.

Id-dhul principali tal-Awtorita' tad-Djar huwa mill-bejgh ta' postijiet tal-Gvern: izda dhul qawwi iehor gej mic-cnus tal-artijiet li tqassmu u li jghaddu minghand il-Gvern ghal ghand l-Awtorita' tad-Djar permezz ta' Avviz Legali fil-Gazzetta tal-Gvern. Matul din l-ahhar sena, l-Awtorita' tad-Djar irceviet Lm 59,182 bhala cnus minn dawn.

12. Harsa 'l quddiem

Bla dubju, u bil-ghajnuna ta' dawk kollha li taw il-kontribut taghhom fl-imghoddi, - u ta' dan ahna nirringrazzjawhom - l-Awtorita' tad-Djar thares lejn it-tnax il-xahar li jmiss b'ottimizmu u twieghed li tibqa' taghti servizz tajjeb u efficjenti msejjes fuq il-pulitika tal-Gvern f'dan il-qasam socjali lil dawk kollha li jehtieguh.

l-flus mill-Korporazzjoni ghal dan il-ghan.

Id-dhul principali tal-Awtorita' tad-Djar huwa mill-bejgh ta' postijiet tal-Gvern: izda dhul qawwi iehor gej mic-cnus tal-artijiet li tqassmu u li jghaddu minghand il-Gvern ghal ghand l-Awtorita' tad-Djar permezz ta' Avviz Legali fil-Gazzetta tal-Gvern. Matul din l-ahhar sena, l-Awtorita' tad-Djar irceviet Lm 59,182 bhala cnus minn dawn.

12. <u>Bini ta' postijiet godda minflok ohrajn qodma u perikoluzi</u>

F'nofs is-sena 1983, id-Dipartiment tax-Xogholijiet kien ta bidu ghall-bini ta' xi postijiet godda fin-naha t'isfel tal-Belt minflok bini iehor qadim u perikoluz li ma kienx baqa' tajjeb ghall-abitazzjoni u ghalhekk kellu jitwaqqa'. Sa issa tlestew 8 appartamenti godda minn dawn, waqt li 33 ohra se jkunu tlestew mix-xoghol ta' titjib li qed isirilhom sal-1985.

Xoghol bhal dan, matul is-sena bejn Ottubru 1983 u Settembru 1984, sar ukoll fil-Furjana fejn kerrejja li kienet thaddan familji f'kundizzjonijiet ta' ghixien hziena hafna issa nbidlet fi blokk ta' sitt appartamenti sbieh u mdaqqsa.

Fil-Birgu ukoll tlestew sitt appartamenti godda flimkien ma' tliet imhazen, mifruxa fuq tliet sulari, fi Triq San Lawrenz, kif l-istess gara fiz-Zurrieq fejn inbnew sitt idjar ohra.

Id-Dipartiment tax-Xogholijiet qieghed ihejji sabiex, fl-1985, ikompli ghaddej b'dan il-programm ta' fejda billi jwettaq hidma siewja f'dan il-qasam fil-Belt, f'Hal-Qormi, f'Birkirkara, u fl-Isla.

Ma jridx wiehed jonqos milli jsemmi wkoll il-progetti godda mibdija diga fil-Belt, fin-naha maghrufa bhala Ta' Liesse, u fil-Gzira. F'Ta' Liesse, se jinbnew 18-il appartament gdid u numru ta' ufficini u mhazen. Ix-xoghol

... /21

tal-Gzira, mill-banda l-ohra, huwa mahsub sabiex jibdel postijiet qodma u mhux abitabbli f'qasam gdid u sabih b' ufficini, hwienet u appartamenti. Iz-zewg progetti ghandhom jitlestew sal-ahhar tal-1985.

13. Harsa 'l quddiem

Bla dubju, u bil-ghajnuna ta' dawk kollha li taw il-kontribut taghhom fl-imghoddi - u ta' dan ahna nirringrazzjawhom - l-Awtorita' tad-Djar thares lejn it-tnax il-xahar li jmiss b'ottimizmu, u twieghed li tibqa' taghti servizz tajjeb u efficjenti msejjes fuq il-pulitka tal-Gvern f'dan il-qasam socjali lil dawk kollha li jehtieguh.